**Laqgħa tal-Kumitat Permenanti għat-Teknoloġija, Informatika u Intelliġenza Artifiċjali**

**Post:** Malta Information and Techonoloy Agency (MITA)
**Data:** 27 ta' Jannar 2026
**Ħin:** 14:30
**Preżenti:** Onor. Ray Abela, Onor. Jerome Caruana Cilia, Onor. Ivan Bartolo u l-Onor. Katya De Giovanni għan-nom tal-Parlament ta' Malta, Sur Emanuel Darmanin, is-Sur Jonathan Cassar u Sue Keith Aquilina għan-nom tal-MITA.

Wara li ttieħed ritratt ta' kommemorazzjoni ta' din il-laqgħa, bdiet iż-żjara mal-uffiċċji tal-MITA. Saret introduzzjoni mis-Sinj. Joanne Debono fl-ewwel sezzjoni rigward il-Call Centre tal-MITA fejn ġie spjegat is-sistema ta' kif jidħlu u jiġu assisti r-rikjesti għal għajnuna minn entitatjiet tal-Gvern.

It-tieni sezzjoni li l-Kumitat żar kienet in-Network Operations Centre li huwa l-post fejn jiġi moniterjat il-liċenzji u s-servizzi kollha offruti mill-MITA, fosthom websites u l-istatuts tagħhom u meta l-liċenzji ta' tali web certificates ikunu se jiskadu.

Il-kumitat żar ukoll is-server rooms fejn ġie spjegat bil-mod ta' kif jaħdmu, b'liema mod għandhom backup, is-saħħa li dawn jkunu jridu biex jiġġeneraw tali data kif ukoll xi prekawzjonijiet jittieħdu biex dawn is-server rooms ikunu jistgħu jibqgħu jiffunzjonaw mingħajr waqfien.

L-aħħar post li żar il-Kumitat kien is-Security Operations Centres u l-Forensic Operation Room fejn f'din is-sezzjoni jkunu qed jagħmlu monitoraġġ ta' sigurtà fl-emails li jkunu qed jintbagħtu lill-entitajiet pubbliċi biex jitnaqqsu l-istanzi li jkun hemm malwares jew attakki fuq is-sigurtà tal-entità.

Kif il-kumitat lesta mit-tour, kompla l-laqgħa tiegħu mas-Sur Emanuel Darmanin, Sur Jonathan Cassar u sur Keith Aquilina fejn iddiskutew mal-kumitat x'inizjattivi ttieħdu mill-MITA fis-snin li għaddew, in-National Strategy 2024-2026, inizjattivi dwar Cyber Securities, Servizzi ta' Threat Management Awareness. Issemma wkoll li introduċew is-servizz ta' On Site Security Incident Response Team kif ukoll introduzzjoni ta' Proġetti tal-AI li jinkludu imma mhux biss l-użu ġenerali tal-għodod tal-AI fosthom il-CoPilot.

Qabel ma laqgħa ntemmet, kemm l-Onor. Jerome Caruana Cilia kif ukoll l-Onor. Ray Abela esprimew li MITA titqies bħala benchmark ta' xi jkun iffisser meta ssemmi Servizz ta' kwalità Eċċellenti.